*Ħaż-Żebbug - Citta' Rohan*

***KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ***

**LAQGĦA - AĠENDA NUMRU 49– 27 ta' Ġunju 2022**

***Minuti tad-disgħa u erbgħin laqgħa tal-Kunsill tat-tmien Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret nhar fis-27 ta' Ġunju fis-6:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' l-Kunsill Lokali fis-sitta ta' filgħaxija sabiex tkun diskussa Aġenda Numru 49. Il-laqgħa bdiet fis-6:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Mark Camilleri** | Sindku |
| | **Clive Azzopardi** | Viċi-Sindku |
| | **Steve Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **David Battistino** | Kunsillier |
| | **Philip Edrick Zammit** | Kunsillier |
| | **Anthony Borg** | Kunsillier |
| | **Patrick Bonnici** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |

| | |
|---|---|
| **Assenti b'Apoloġija** | Ħadd |


***Sindku (Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA Certified Public Accountant

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino, Anthony Borg

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** zebbug.malta.lc@gov.mt ***Tel:*** *21 468181*

**Assenti :** **Ħadd**

**Pubbliku:** **Ħadd**

**Uffiċjal preżenti:** **Paula M. Valletta** Segretarju Eżekuttiv

---------------------------------------------------------------------------------------------------------

**49.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija.

**49.2 49.1 PA1821/19 – Toyota/De-Bono Site**

Is-Sindku Mark Camilleri qal li delegazzjoni mill-Kunsill iltaqghet mal-iżvillupatur dwar dan il-proġett sabiex tiddiskuti aħjar.

Dan il-proġett huwa wieħed estensiv u jinvolvi proġett li ser ikun imiss ma żewġ toroq arterjali dik ta Triq l-Imdina u Triq is-Siġġiewi u waħda residenzjali li hi Triq Ġanni Bonnici. Il-binja kif nafuha llum ser titwaqqa kollha u minflok ser isir kumpless kummerċjali bi ħwienet, uffiċini u anke pjazza. Minħabba il-kobor tal-footprint, l-iżvillupatur għandu l-għażla li flok jibni fl-ispazju kollu jista jgħolli 'il fuq u jaggusta l-

kobor tal-pjazza skont kif taghtih il-liġi. Il-Kunsill huwa tal-fehma li hemmhekk ma jixraqx li jkun hemm għoli aktar mill-madwar pero, kif inhi mfassla il-liġi u r-regoli li hemm fis-seħħ, il-Kunsill ma tantx għandu vuċi. Il-Kunsill qabel li għandha tittiehed l-opportunita sabiex jitkellem mal-awtoritajiet u tinbidel il-policy eżistenti, minħabba li li z-zona hija mixed-use area u mhux zona residenzjali per se.

Il-Kunsill Lokali qabel unaninimament li mhuwiex kontra li jsir il-proġett iżda kontra l-għoli anke meta wieħed iqis il-fatt li Ħaż-Żebbuġ jinsab fil-għoli aktar minn zoni oħrajn fejn hemm l-istess għoli ta' bini u għalhekk ser jkun jispikka. Il-proġett huwa diffiċli ħafna sabiex jitwaqqaf imma tista dejjem issir pressjoni biex il-binja ma tkunx għolja.

Ġie deċiż li ssir laqgħa mar-residenti sabiex dawn iwasslu leħinhom, liema laqgħa ssir fix-xahar ta' Lulju u minn hemmhekk imbagħad jinħareġ xi preżentazzjoni trid issir quddiem l-Awtorita tal-Ippjanar.

## 49.2 PA7492/19 – Hal Caprat Site

Dwar dan il-proġett, delegazzjoni mill-Kunsill iltaqgħet mal-Periti tfejn rega kien spjegat li dan ser ikun villaġġ għan-nies li jbatu bid-dimensja. Ser ikun hemm 110 sodod. Dan il-proġett ser jinkorpora fih 4 ħwienet għall-użu tal-istess residenti, u ser ikun fih 4 sulari fejn l-aħħar wieħed ikun rtirat 'il ġewwa. Il-Kunsill għadu mhux mgħarraf min ser ikun qed jieħu ħsieb dan il-proġett meta dan jibda jopera. Il-parti ta' Triq il-Grazzja li fiha ser jsir dan il-proġett huwa UCA.

Il-Kunsill irid iqis l-influss ta' vetturi mic-ċentru tal' Ħaż-Żebbuġ li dan il-proġett ser joħloq. Il-Kunsill iħoss li l-aħjar metodu huwa li jiltaqa mar-residenti f'Lulju 2022 kif ukoll mal-iżvillupaturi u skont il-konklużjonijiet li joħorġu waqt din il-laqgħa issir ir-rappreżentazzjoni lill-Awtorita tal-Ippjanar.

## 49.3 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss

Il-laqgħa tal-Kunsill spiċċat fit-8:05pm u ġiet aġġornata sine die.

| | |
|---|---|
| **Mark Camilleri** | **Paula M. Valletta** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |